MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 10/1999/1

**Joseph Mifsud**

**vs**

**Kurrier Holdings Limited u Walter Zammit**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atur ippremetta:-

Illi huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' elfejn lira (Lm2000) import ta' erba' kambjali ta' hames mitt lira (Lm500) il-wahda li skadew rispettivament fil-hmistax-il gurnata ta' kull xahar bejn il-15 ta' Settembru 1998 u l-15 ta' Dicembru 1998 inklussivament;

Illi l-konvenuti nonostante l-fatt li gew diversi drabi interprellati jhallsu naqsu;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu l-ghaliex, gharragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u in vista ta' l-affidavit ta' Joseph Mifsud (Dok. A) m'ghandhomx minn din il-Qorti:-

1. jigu solidalment ikkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbidipprezentati kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi, preliminarjament, il-kambjali mahruga mis-socjeta' esponenti favur il-konvenut Walter Zammit, u ggirata favur l-attur odjern, huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, stante illi l-kunsens moghti mis-socjeta' esponenti ghall-hrug tal-istess kambjali kien vizzjat bl-ghemil doluz u l-ingann tal-konvenut Walter Zammit, kif se jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-istess kambjali, formanti l-meritu tal-kawza odjerna, kienu stimulati billi s-socjeta' esponenti qatt ma kellha ebda debitu, ta' kwalsijasi xorta, dovut lill-konvenut Walter Zammit;

3. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, it-talbiet ta' l-attur, in kwantu huma diretti kontra s-socjeta' esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi s-socjeta' esponenti ma hijiex, u lanqas qatt ma kienet, debitrici ta' l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' knvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda teghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2001

Ikkonsidrat:

L-attur jippretendi li huwa kreditur tal-konvenuti, cioe’ tas-socjeta Kurier Holdings Limited u ta’ Walter Zammit, fis-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000) import ta' erba' (4) kambjali ta' hames mitt lira maltin (Lm500) il-wahda li skadew. L-attur jippretendi li l-konvenuti ghandhom jigu kundannati jhallsu l-imsemmi ammont totali solidalment u dana peress li huma t-tnejn iffirmaw l-imsemmija kambjali;

Jirrizulta li l-kambjali in kwestjoni gew mahruga mis-socjeta' konvenuta a favur il-konvenut l-iehor Walter Zammit, li sussegwentement iggirhom favur l-attur. Mill-provi jirrizulta li Karl Bonello ghan-nom tas-socjeta konvenuta kien ordna xi “electrical fittings” minghand il-konvenut l-iehor Walter Zammit. Dawn l-oggetti kellhom jigu importati minn barra. In vista ta dan in-negozju s-socjeta konvenuta ffirmat diversi kambjali, fosthom dawk in kwestjoni, favur il-konvenut l-iehor Zammit. Sabiex l-istess konvenut ikollu flus kontanti f’idejh, huwa ftiehem mal-attur sabiex dan tal-ahar jiskonta l-imsemmija kambjali, kif fil-fatt sar, u b’hekk il-konvenut iggira l-istess kambjali favur l-attur;

Il-konvenut Zammit hu kontumaci u ghandu jinghad mill-ewwel li mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-istess konvenut u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti zgur fil-konfront tal-imsemmi konvenut;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta Kurrier Holdings Limited qed tikkontesta t-talbiet attrici u qed teccepixxi illi l-kambjali in kwestjoni huma nulli u bla ebda effett fil-ligi stante illi l-kunsens taghha kien ivvizjat bl-ghemil doluz u l-ingann tal-konvenut Walter Zammit. Inoltre l-istess kambjali kienu simulati billi s-socjeta' konvenuta qatt ma

kellha tghati lill-konvenut l-iehor Walter Zammit. Inoltre s-socjeta konvenuta teccepixxi li hi mhux debitrici ta' l-attur;

Dawn l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta ma jisghux jigu akkolti. Fl-ewwel lok ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-kunsens taghha, meta gew iffirmati l-kambjali in kwestjoni, kien ivvizjat. Jidher li meta gew iffirmati l-kambjali kien hemm ftehim fis-sens li l-konvenut Zammit kellu jgib xi oggetti minn barra ghas-socjeta konvenuta. Ghalhekk kien hemm raguni ghala gew iffirmati u nhargu l-kambjali;

Inoltre jidher li in effett l-imsemmi rappresentant tas-socjeta konvenuta kien presenti meta l-kambjali gew iggirati a favur tal-attur. Minn dak li xehed il-konvenut Zammit jidher li mill-ewwel ir-rappresentant tas-socjeta konvenuta kien jaf li Zammit kien ser jiggira dawn il-kambjali favur l-attur. D’altronde r-rappresentant tas-socjeta konvenuta ammetta li l-kambjali in kwestjoni gew iffirmati minnu stess dejjem ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta konvenuta. Il-fatt stess li gew iffirmati dawn il-kambjali f’isem is-socjeta konvenuta ferm qabel ma kellha tigi konsenjata l-merkanzija hu indikattiv li kien hemm konsapevolezza li l-kambjali kienu ser jigu ggirati. Barra minn hekk minn-natura stess tal-kambjali, malli dawn jigu ffirmati hemm il-posibilita’ li l-istess jigu ggirati favur terzi;

Hawnhekk si tratta ta’ azzjoni kambjarja u ghalhekk eccezzjonijiet li jirreferu ghan-negozju li wassal sabiex jigu ffirmati dawk il-kambjali mhux daqstant rilevanti. Kif gia gie rilevat jirrizulta li r-rappresentant tas-socjeta konvenuta ffirma il-kambjali in konnessjoni ma negozju li kien hemm bejn l-istess socjeta konvenuta u l-konvenut Zammit. L-istess rappresenant tas-socjeta konvenuta stqarr li huwa kien ghamel negozji fejn hallas ghal merkanzija qabel ma din giet konsenjata. F’dan il-kaz il-kambjali gew iffirmati qabel ma giet konsenjata l-merkanzija. Il-fatt jekk eventwalment gietx konsenjata l-istess merkanzija jew le, ghal finijiet ta’ din il-kawza, hi kwestjoni irrilevanti. Ir-rappresentant tas-socjeta konvenuta kien jaf li l-kambjali kellhom jithallsu fl-

iskadenza taghhom. Tant hu hekk li jirrizulta li sar il-hlas ta uhud mill-kambjali mill-istess socjeta konvenuta lill-attur b'fondi tal-istess socjeta konvenuta. Ghalhekk mhux difiza valida li socjeta konvenuta tghid li qatt ma kellha tghati lill-konvenut Zammit jew li hi mhux debitrici tal-attur;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti ukoll fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Barra minn hekk il-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli versu l-attur in solidum bejnithom;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-ecezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejnithom ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) import ta' erba' (4) kambjali ta' hames mitt lira maltin (Lm500) il-wahda liema kambjali skadew u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------